# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 28

It-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Borg infurmat li kienet ma tiflahx u ghalhekk kienet skuzata

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 27 li saret nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Latrini Pubblici***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-latrina ta' Triq id-Dejqa kien ghadu ghaddej.

***Mozzjoni Nru VI/23-1***

Il-Kunsillier Azzopardi nforma lill-Kunsill li f'komunikat li kellu dwar il-mozzjoni msemmija, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali infurmah li fl-ittra mhux qieghed jinghad dak li ntqal fis-seduta precedenti. Ghalhekk se jibqa' jsostni li din il-mozzjoni m'ghandiex tigi attwata.

***Chinese Spring Festival***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-festival ser isir nhar it-8 u 9 ta' Frar, 2010. Fit-8 ta' Frar ser issir il-performance fi Pjazza San Gorg u fid-9 ta' Frar ser isir show fl-MCC.

***City Theatre***

Gie ccarat li meta l-parking ta' quddiem it-Teatru ma jkunx Keep Clear minhabba xi attivita` fit-teatru, ikun permessibbli li jkun hemm parking minn karozzi ohra sa mhux aktar minn 30 minuta.

***Bins ghas-separazzjoni ta' l-iskart fl-appartamenti***

Il-Gimgha ser issir laqgha mar-residenti ta' l-appartamenti ta' St. Paul's Building dwar l-introduzzjoni ta' din l-iskema.

***Tender ghal Marketing Plan***

Il-Kunsill qabel li tohrog is-sejha ghall-offerti ghall-implimentazzjoni tal-Marketing Plan. Id-dokumenti ta' l-offerti jingabru mill-Kunsill bi prezz ta' €50 kull set ta' dokumenti.

***Karnival***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivitajiet tas-Sibt filghaxija ser isiru fil-Floriana.

## QUARTERLY FINANCIAL REPORT

IL-Kunsill approva l-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Lulju – Settembru 09.

## PERFORMANCE BONUS GHAS-SENA 2009.

Il-Kunsill unanimament approva l-massimu tal-Performance Bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-impjegati tal-Kunsill ghas-sena 2009. Kien hemm qbil li ghandu jinstab mezz ahjar kif dan jigi mkejjel bhal per ezempju l-introduzzjoni ta' SOPs.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Dwar ir-reserved parking ghal persuni b'dizabilita` li kien hemm fi Pjazza San Gorg, il-Kunsill qabel li spazju minnhom jigi rilokat fi Triq Merkanti k/m Triq l-Arcisqof;

- Il-Kunsill qabel li fil-5 ta' Gunju, flimkien ma' diversi artisti issir attivita` 'Canvas Collaboration' li l-ghan taghha huwa li tkun ta' ghajnuna tal-Malta Hospice Movement;

- Il-konferenza ECAD ser issir f'Ghawdex f'April 2010;

- Fuq proposta tal-Malta Enterprise, il-Kunsill identifika Triq id-Dejqa, il-Biccerija u s-Suq tal-Belt bhala zoni li jistghu ikunu identifikati bhala 'zoni artistici' u jibbenefikaw minn incentivi li ghandha l-istess Malta Enterprise;

- Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Peter Buontempo jattendi ghall-konferenza li ser issir fil-Portugall u li qed tkun qed issegwi l-ewwel laqgha tal-bliet Kapitali tal-Mediterran li saret f'Reggio Calabria.

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***m-learn Conference***
Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien inghata €25,000 sabiex flimkien ma' l-Universita` tigi organizzata f'Malta il-Konferenza m-learn mill-iskema ghall-Kunsilli sabiex jorganizzaw konferenzi internazzjonali. Matul l-2009, din il-konferenza saret fi Florida u tattira madwar 450 partecipant.

***Youth Democracy Project***
Is-Sindku nfoma li l-Kunsill gie accattat li jiehu sehem f'Youth Democracy Project ma' l-Islanda u se jkun hemm l-opportunita` li 15 –il zaghzugh jaghmlu skambju ma' zaghzagh islandizi. Fost dawn ser ikun hemm it-tliet zghazagh li ppartecipaw fil-quiz organizzat minn Dar l-Ewropa dwar l-UE u li tilfu fil-final.

***Jum il-Belt***
Minhabba li t-28 ta' Marzu ser ikun Hadd il-Palm, kien hemm qbil li Jum il-Belt jigi ccelebrat is-Sibt, gurnata qabel. Kien hemm qbil li jergghu jintlaqghu nominazzjonijiet ghal Gieh il-Belt.

***Fond ta' kofinanzjament***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill inghata €4,343.50 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bhala parti mill-Fond ta' kofinanzjament ghall-progett HERO.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI U SERVIZZI**

Kien hemm qbil li l-bankina ta' quddiem l-Evans fi Triq Merkanti isirilha wicc tal-konkos minhabba l-periklu li fiha. Din ser issir tal-konkos minhabba li f'din l-area hemm ippjanat li jsir progett mill-Gvern Centrali.

**TMIEM**

Fil-5.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku